

# Kont Taf Li...

**Dr Raymond Mangion**

M.A., LL.D., D.Phil (Oxon.)



Ħaż-Żebbuġ huwa wieħed mill-parroċċi l-anzjani ta' Malta u Għawdex u jissemma bħala parroċċa għall-ewwel darba f'lista ta' benefiċċji tal-1436, magħrufa bħala r-"Rollo" – *Cappella Rahal Zebug uncias xi* – li kienet ordnata – *quinterniolus pro concordia taxarum* – mill-Isqof Senatore de Mello de Noto? Kont taf li d-dokument oriġinali kien safa' mitluf iżda kopja tiegħu tas-seklu sittax/sbatax baqgħet teżisti u maż-żmien intrefgħet fil-Librerija Nazzjonali fis-sezzjoni tal-manuskritti[1], u kien mitbugħ mingħajr l-introjti u b'mod disorganizzat mill-istoriku Malti Giovanni Francesco Abela fid-*Della Descritione di Malta*… li huwa ppubblika fl-1647[2] ? Kont taf li r-referenza għal Ħaż-Żebbuġ fir-"Rollo" hija sewwa sew dik ta' "*cappella*", kelma li fit-terminoloġija ta' dak iż-żmien kienet tfisser parroċċa? Kont taf li Ħaż-Żebbuġ ma sarx parroċċa fl-1436 kif għadd ta' storiċi, inkluż l-istoriku eklesjastiku Achille Ferris[3], stqarru minn żmien għal żmien fin-nisġiet tagħhom fuq ġrajjiet artna, iżda kien diġà parroċċa f'dik is-sena, jiġifieri huwa kien ilu xi żmien stabbilit, għalkemm la nafu meta u lanqas kif twaqqaf bħala parroċċa? Kont taf li f'kitba qadima oħra tas-seklu ħmistax li tinsab merfugħa fil-Mużew tal-Katidral, l-Imdina[4], il-knisja parrokkjali ta' San Filep f'Ħaż-Żebbuġ tissejjaħ "matriċi" li jfisser li hija kienet issejħet hekk bil-fors sabiex tingħażel minn fost kemm kien hemm knejjes oħrajn f'dik il-parroċċa tat-tliet irħula żgħar ta' Ħal Mula, Ħal Dwin u Ħal Muxi li kollha kellhom il-knejjes tagħhom?[5]

Kont taf li l-eqdem referenza li għandna għal isem Ħaż-Żebbuġ hija sewwa sew dik li naraw fil-Lista tad-Dejma datata 1419 fejn ir-raħal jissemma bħala c*asali zebugi* [6]? Kont taf li Ħaż-Żebbuġ jissemma wkoll f'atti tal-Qorti Kapitanali ta' Malta, dak li jġib id-data 19 ta' April, 1436 – *casale oliva alias Zebbug, contrata*[7]? L-isem ta' Ħaż-Żebbuġ għalhekk jidher indikat tajjeb f'dokument li jmur lura għall-istess sena li fiha huwa indikat bħala "*cappella*". Wieħed jinnota li fir-"Rollo" tal-Isqof De Mello huwa mniżżel bil-Malti – **Raħal Żebbuġ**[8]. Kont taf l-isem ta' Ħaż-Żebbuġ huwa prominenti f'għadd sabiħ ta' dokumenti oħrajn tas-seklu ħmistax u li jinsabu kemm fl-arkivju Statali kemm f'dak Ekkleżjastiku? Kont taf, per eżempju, li **raħal żebuġ** jinsab imniżżel f'dokumenti li jinsabu konservati fl-arkivju tal-Mużew tal-Kattidral fl-Imdina[9]? Kont taf li isem ir-raħal jitfaċċa wkoll f'numru sabiħ ta' atti notarali bħal dawk diversi tan-Nutar Giacomo Sabbara f'wieħed mir-reġistri miżmumin b'għożża fl-Arkivju Notarili fil-belt Valletta?[10]

Wieħed mill-ulied denji ta' Malta u Għawdex li ismu ma ngħatax il-ġieħ li jistħoqqlu u li twieled Ħaż-Żebbuġ kien il-perit Giovanni Domenico Debono? Huwa twieled fl-1835, iben Filippo Nicola Debono u Narua mwielda Trevisan. Għalhekk, huwa kien mill-familja ta' għadd ta' patrijotti Żebbuġin fl-imblokk tal-Franċiżi min-naħa t'ommu. Kont taf li Giovanni Nicola fassal knejjes, kunventi, kulleġġi, fabbriki u edifizji oħrajn. Kont taf li huwa kien il-perit ta' għadd sabiħ ta' djar ta' arkitettura ġentilizja u aristokratika speċjalment f'tas-Sliema li żviluppa fi żmienu. Huwa għamel il-pjanta tal-knisja l-ġdida tal-Qalb ta' Ġesù

f'Tas-Sliema, il-knisja tal-Kulleġġ tal-Ġiżwiti u ż-żjieda l-ġdida tal-istess Kulleġġ fil-Balluta. Huwa kien ukoll id-disinjatur tal-kunvent ta' San Ġużepp f'Tas-Sliema. Kont taf li huwa kien li ddisinja s-*St. Paul's Buildings* fi Triq il-Punent kantuniera ma' Triq it-Tijatru, fil-belt Valletta, fl-1908? Kont taf li ismu jinsab imnaqqax fuq l-istess blokk bini li nbena flok Palazzo Britto? Kont taf li huwa għamel ukoll il-pjanta tal-'West End Buildings' fi Triq in-Nofsinhar kantuniera ma' Triq l-Ifran fl-istess kapitali tagħna? Kont taf li huwa bena fost l-ewwel blokok ta' appartamenti fil-belt Valletta bħal fi Triq Zekka, Triq Kristofru, Triq in-Nofsinhar u f'għadd ġmielu ta' toroq fl-istess kapitali tagħna? Kont taf li miż-żwieġ tiegħu ma' Maddalena mwielda Naudi fl-1876, huwa kellu tifla – Marija Ġużeppa – li żżewġet lill-ġurista u leġislatur famuż Malti Sir Michelangelo Refalo?

Il-knisja tal-Madonna tal-Abbandunati li nsibu fir-raħal hija waħda minn żewġ knejjes biss moħtara lill-Verġni Qaddisa li jinsabu f'Malta u Għawdex? Kont taf li l-introduzzjoni tad-devozzjoni Marjana lejn tal-Abbandunati fil-gżejjer Maltin seħħet bis-saħħa ta' intervent li kien għamel Fra Ramon Perellos y Roccaful meta kien għadu Balliju u qabel ma nħatar Granmastru tal-Ordni ta' San Ġwann u l-Kap ta' pajjiżna fl-1697? Kont taf li kien sewwa sew fis-sena 1758 li nbniet il-knisja filjali tal-Madonna tal-Abbandunati f'Ħaż-Żebbuġ fl-inħawi magħrufin bħala Ħal Dwin u li l-fundatur tagħha kien is-saċerdot Dr Baskal Arkangelo Azupardi li kien iggrawda Juris Utriusque Doctor jew bħala Duttur tal-Liġi ta' dak iż-żmien, li kien benefattur tal-knisja arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ kif ukoll li għen lis-Sodalità tal-Qassisin fi ħdan l-istess parroċċa? Kont taf li Reverendu Azupardi, li kien konsulent tas-Sant Uffizju (jew l-Inkwiżizzjoni) f'Malta, skont l-atti tan-Nutar Girolamo Bonavita kien ħalla proprjetà lill-knisja tal-Madonna tal-Abbandunati sabiex minnha jkunu jistgħu jinħarġu renti jew pensjonijiet bħala benefizzju ekkleżjastiku. Barra minn hekk, Reverendu Azupardi kien għammar din il-knisja bl-artali u paramenti kollha meħtieġa. Kont taf li Fra Azupardi kien bena l-kwatier-palazz bil-ġonna miegħu jmiss mal-knisja sabiex huwa flimkien mal-familja u l-qaddejja tiegħu jkunu jistgħu jgħixu fih?[11]


*Il-Kappella tal-Abbandunati u Villa Buleben tal-Familja Azzopardi fi Triq il-Madonna, Ħaż-Żebbuġ.*

Fost il-kunjomijiet li jispikkaw f'Ħaż-Żebbuġ fil-bidu tas-seklu ħmistax fil-"Lista tad-Dejma," jew ta' individwi li kienu ingaġġati biex jgħassu u jħarsu x-xtut ta' Malta, insibu dak medjevali ta' "**Żurki**"? Kont taf li dan il-kunjom Żebbuġi taż-Żmien Nofsani fi ġrajjiet pajjiżna, minkejja li nqered sekli ilu, baqa' wkoll jissemma fit-toponomastika billi biċċa art fl-inħawi tal-Imqabba baqgħet tissemma bħala "Ta' **Żurqi**" – *ta zurki, galca in contrata yl hyseuy* [għassiewi][12]. Kont taf li kien ukoll bit-tħabrik tal-Patri Stiefnu **Żurki**, Vigarju Provinċjali tal-Patrijiet Agostinjani f'Malta, li fis-sena 1533 tkabbar il-kunvent u ngħatat xejra ġdida lill-knisja tal-Ordni f'Għawdex skont l-atti tan-Nutar Giovanni Antonio Sansuni

tad-9 ta' Jannar 1533[13]. Kont taf li kunjom ieħor li jissemma fil-lista tas-suldati tad-Dejma tal-1419 huwa dak ta' Mula biex b'hekk wieħed jagħraf tajjeb ir-rabta li huwa kellu mar-raħal billi fl-inħawi tiegħu konna nsibu wkoll toponimu bl-istess nomenklatura – Ħal Mula? Kont taf li l-isem ta' dan ir-raħal diġà jissemma fis-seklu ħmistax f'atti notarili u oħrajn tal-Istat[14]. Kont taf li maż-żmien ir-raħal ta' Ħal Mula u l-kunjom tbiegħdu minn xulxin billi r-raħal baqa' jeżisti biss fl-isem fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax filwaqt li d-dixxendenti tal-familja ħarġu mill-irjieħ tar-raħal filwaqt li tferrxu f'inħawi oħrajn tal-gżira? Fortunatament, Ħal Mula reġa' nbena mill-ġdid u llum huwa isem magħruf ferm fir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ fejn insibu anki triq li ġġib ismu.

Ir-Reġistri Elettorali tal-1930 u l-1932 huma fost il-listi tal-Maltin u l-Għawdxin li kellhom id-dritt tal-vot li huma ħafna minnhom indikati bil-laqam tal-familja jew dak personali kif kienu magħrufin dak iż-żmien? Kont taf li ż-żewġ elenki tal-elettorat ta' Ħaż-Żebbuġ f'dawk is-snin ixandru onomastika fir-raħal li tmur lura għexieren ta' snin u li għadha kollha eżistenti sa llum? Il-laqmijiet li niltaqgħu magħhom fir-Reġistri Elettorali ta' Ħaż-Żebbuġ għas-snin imsemmija jistgħu jkunu klassifikati bħala dawk marbutin ma' isem jew simbolu ta' antenat fir-razza, jew tixbiħ ta' kapostipite ma' persunaġġ storiku u famuż, jew okkupazzjoni inkella sengħa rikorrenti li kienet tagħti identità lill-familja, jew imġieba jew avveniment li seħħ fil-passat fi ħdan ġenerazzjonijiet passati, jew raġuni oħra. Kont taf li kunjom popolari f'Ħaż-Żebbuġ – u llum anki fis-Siġġiewi – li jmur lura minn ġidd għal ġidd 'il fuq minn mitejn u ħamsin sena, u jaf l-oriġini tiegħu lil isem persunaġġ fil-familja kien dak TA' KRISTOFNU li baqa' marbut sewwa sew mal-kunjom Attard sal-ġurnata tal-lum? Kont taf li dan il-laqam baqa' jingħad u ħaj allavolja Kristofru Attard, li minnu huwa beda, kien jgħix f'nofs is-seklu tmintax u kien miż-żwieġ tiegħu ma' Anna Gambin li ta bidu għal kull min iġib il-kunjom Attard u huwa magħruf bħala TA' KRISTOFNU anki fi żmienna? Kont taf li dan huwa eżempju ċar kif kunjom u laqam jistgħu jibqgħu marbutin flimkien għal sekli sħaħ?

Il-poeta Nazzjonali Monsinjur Dun Karm Psaila (1871-1961), wieħed mill-ikbar ulied Ħaż-Żebbuġ ta' kull żmien, twieled fid-dar Nru 12 fi Triq il-Parroċċa? Kont taf li huwa kien offra


Sonetto:

*Għaliex, Missier, għal leħnek sod jitriegħed*
*Sa mill-qiegħ nett l-infern imgħaddab sewwa?*
*Liema Driegħ moħbi ħadem fik u qiegħed*
*Isuqek hawn ġo nofsna kollok ħlewwa!?*

*Hekk, lil Filippu, bil-biża' jitnieħed*
*Il-poplu ġewwa Aġġira, fejn bid-dnewwa*
*L-Għadu kien ħakem, w issa qed jitbiegħed*
*Għax saħħtu diebet: kulħadd qed jiddewwa.*

*U dak li ħbub għajnejh kienu bla dija*
*X'ħin jara dawl ix-xemx mill-ġdid, itenni:*
*O setgħa ta' bla qies! X'kelma qawwija!*

*Tarah id-dinja miexi f'nofs il-ħtija*
*Lil dak ifejjaq u lil dan iħenni*
*U tinżel fl-art quddiemu għalenija.*

*Is-sunett ta' Dun Karm miktub bit-Taljan fl-1940, maqlub bil-Malti fl-1985 minn Mons. Lawrenz Cachia.*

ċurkett tad-deħeb li kien jiswa għaxar liri sterlini meta beda l-ġbir għall-bini tan-navi tal-knisja arċipretali. Dun Karm, li kellu jitbiegħed mir-raħal twelidu għażiż minħabba l-professjoni, il-missjoni u l-vokazzjoi tiegħu ta' għalliem, baqa' jħobb lil Ħaż-Żebbuġ u jinteressa ruħu fih sakemm miet. Kont taf li huwa tant kien moħħu f'raħal twelidu, li huwa kien lesta l-qabar f'kappella fiċ-ċimiterju tal-Infetti ġewwa r-raħal sa minn ħafna snin qabel il-mewt tiegħu li ġrat fl-1961. Kont taf li fl-1904, Dun Karm kiteb sunett bit-Taljan li Monsinjur Reverendu Dun Lawrenz Cachia, saċerdot Żebbuġi ieħor ta' dehen u ġieh fil-qasam tal-lingwistika u l-letteratura li serva anki bħala Arċipriet tar-raħal, kien qaleb bil-Malti fis-sena 1985[15]. Kont taf li meta Dun Karm kiteb is-sunett b'dedika lil Ħaż-Żebbuġ u lill-patrun tiegħu Filippu t'Aġġira, huwa kien għadu ma bediex jikteb il-poeżiji bil-Malti iżda biss bit-Taljan? Kont taf li huwa beda jisperimenta bl-ilsien Malti fl-1912 wara li kien ilu jinseġ il-poeżija sa mill-1889 meta ta' tmintax-il sena huwa kiteb l-ewwel versi tiegħu?[16]

Wieħed mill-isbaħ arkivji ġeneaoloġiċi li fihom wieħed jista' jintraċċa l-arbli tar-razza tal-familji tiegħu kien jinsab f'Ħaż-Żebbuġ u kellu l-oriġini tiegħu bil-ħidma u l-għaraq tal-qassis minn Ħaż-Żebbuġ Reverendu Dun Ġann Karl Muscat (1874-1942), iben Filippu u Giovanna mwielda Vassallo? Kont taf li Dun Ġann Karl, li sar saċerdot fl-1899, kien ħalla werrieta tiegħu lin-neputijiet aħwa Muscat, ulied Franġisk Saverju u Marjetta xebba Felici f'testment li kien għamel għand l-Prim Ministru ta' Malta n-Nutar Dr Giorgio Borg Olivier meta kien għadu jilħaq manjifk u kien għadu fil-bidu tal-prattiku twila u intensiva tiegħu fil-liġi u fil-politika? Kont taf li l-ġenealoġija tal-familja Muscat kienet miruta mill-familja ta' Marija u Antoine Lanfranco tal-Imsida meta mietet l-aħħar superstiti tal-familja Muscat, jiġifieri Rita, fis-sena 2003, u llum hija magħrufa bħala l-Ġenealoġija Lanfranco u tinsab fl-Imsida? Kont taf li kemm l-aħwa Muscat kif ukoll il-familja Lanfranco komplew aġġornaw u sebbħu b'tagħrif ġdid il-ġenealoġija Lanfranco biex issa saret waħda mill-aqwa fil-kamp internazzjonali? Kont taf li wieħed bis-saħħa ta' din il-ġenealoġija jista' jikkompila l-arbli tar-razza tiegħu fir-riġward ta' għadd ta' riċerki importanti bħalma huma dawk li għandhom x'jaqsmu mat-titli ta' proprjetà ta' oqbra f'ċimiterju, id-drittijiet ta' legati matrimonjali, konnessjonijiet ma' personalitajiet ta' fama, u l-bqija. Kont taf li l-pittur Żebbuġi Pawlu Chircop kien pitter bil-lapes ritratt ta' Dun Ġann Karl fl-1918 meta dan is-saċerdot kellu 44 sena?

Iż-Żebbuġin kienu fost l-eroj ewlenin Maltin fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi fl-1798-1800 iżda kellhom ukoll iħallsu prezz qares mhux biss għaliex bosta minnhom mietu jew mardu wkoll jekk ma kinux jiffurmaw parti mill-battaljun jew gwariġjon iżda għaliex ħafna minnhom tilfu flejjes kbar li kienu sellfu lill-gvern tal-Ordni ta' San Ġwann matul is-snin. Numru ta' Żebbuġin sidien, għonja u oħrajn kienu ddepożitaw boqxiexhom fil-bank kummerċjali tal-gvern ta' dak iż-żmien magħruf bħala l-Massa Frummentarja li l-Istat kien organizza biex jinxtraw il-qmuħ u ikel ieħor minn Sqallija. Kont taf li l-gvern Franċiż malli ħa l-amministrazzjoni ta' Malta kien ħataf taħt idejh il-kapitali kollha ta' dan il-fondi li wasslet għal tbatija kbira fost il-Maltin inkluż iż-Żebbuġin. Il-Ġeneral Franċiż Vaubois kien verament ħalla nota li biha kien wiegħed li l-flus jerġgħu jitħallsu lura u kien saħansitra għamel garanzija li fin-nuqqas ta' ħlas jitħallew suldati mill-armata Franċiża bħala rahan, iżda mhux biss l-Imperu tiegħu iżda anki dak Inġliż li kellu seba' mitt sena biex jieħu t-tmexxija ta' Malta taħt idejh, naqas milli jonora id-djun tiegħu! Kont taf li l-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ weħidha kienet tilfet is-somma ta' 37,815-il skud (dan l-ammont huwa ekwivalenti għal bejn wieħed u ieħor 7,310 Euro) a skapitu mhux biss tal-Kurja iżda

l-iktar bi preġudizzju għall-kleru, ix-xrieki reliġjużi kif ukoll il-poplu in ġenerali tar-raħal? Bosta kienu l-Kapijiet tal-Knisja lokali li ssottomettew petizzjonijiet jew talbiet formali lill-gvern biex titwaqqaf kummissjoni indipendenti sabiex tara u tgħarbel il-kotba jew reġistru tal-Massa Frummentarja iżda kien kollu għalxejn.[17]

**Riferenzi:**

[1] Librerija Nazzjonali, Manuskritt 721 [Mixxellanja], 2 r. 4 v.
[2] Paolo Bonacota, Libro Terzo, Notiatia IV paġina 360
[3] *Descrizione Storica Delle Chiese di Malta E Gozo* (Malta, 1866, paġna 70
[4] CEM/AO, vol.9, fol.41
[5] Ara: Godfrey Wettinger, *Il-Ġrajja Bikrija tal-Knisja Matriċi t'Għawdex 1435-1551*, Malta University Press, Malta 1975, paġna 3
[6] f.31r-v)(Ara Godfrey Wettinger, *The Militia List of 1419-20, A New Starting Point for the Study of Malta's Population*, Malta Historical Society, Malta, 1969, paġna 22
[7] Librerija Nazzjonali, Manuskritt 360, paġna 922
[8] Ara wkoll Godfrey Wettinger, *Place-Names of the Maltese Islands, ca. 1300-1800*, Publishers Enterprises Group Ltd, 2000, paġna 292
[9] CEM, AO, vol.1, f.206v
[10] ANV, Reġistru 494/1
[11] Arkivju Arċiveskovili, Malta, Vista Pastorali 1758-60, II, paġni 588-589r
[12] Arkivju Notarili, Valletta, Atti Nutar G.Buttiġieġ, 26.1.1539
[13] Ara: P.Ġulju Bonnici, O.S.A., *Ġrajjiet Agostinjani f'Malta*, Provinċja Agostinjana, Malta, 1990, paġna 7
[14] Ara, per eżempju, Arkivju Notarili, Valletta, Atti Nutar Giacomo Sabbara, 10.8.1496, Reġistru 494/1
[15] Luret Vella, *Storja Ta' Ħaż-Żebbuġ*, Interprint Ltd. Malta, 1986, paġni 106, 123, 157 u 159
[16] Ara: Oliver Friġġieri, *Dun Karm – Il-Poeżiji Miġbura,* Klabb Kotba Malta, Malta 1980, 481 pp.
[17] Ara wkoll: Arturo Bonnici, 'A Debt That Was Never Sold', *Melita Historica, A Scientific Review of Maltese History*, Malta Historical Society, Vol.5, No.2, Malta, 1969, pp.73-39

